

# Kif għandhom ikunu rrapportati bidliet fl-identità skont REACH u CLP

Jannar 2019



## Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti lill-utenti fil-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti REACH u CLP. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolamenti REACH u CLP huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixx parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jiusta' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

| Verżjoni    | Bidliet   |             |
|-------------|---|-------------|
| Verżjoni 01 | L-ewwel verżjoni  | April 2010  |
| Verżjoni 02 | Il-verżjoni aġġornata tinkludi kunċetti u definizzjonijiet, evidenza meħtieġa biex ikunu ddokumentati l-bidliet tal-entità legali fir-REACH-IT u l-bidliet tal-entità legali fil-proċess tal-awtorizzazzjoni. | Jannar 2019 |
|             |   |             |

## Kif għandhom ikunu rrapporati bidliet fl-identità skont REACH u CLP

**Referenza:** ECHA-19-H-02-EN

**ISBN:** 978-92-9481-009-0

**ISSN:** 1831-662X

**Numru tal-Katalgu:** ED-AE-19-001-MT-N

**DOI:** 10.2823/074886

**Data tal-pubblikazzjoni:** Xahar 2019

**Lingwa:** MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2019

Paġna ta' quddiem © Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġibok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq:

<http://echa.europa.eu/contact>

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland

Indirizz taż-żjarat: Annankatu 18, Helsinki, Finland

## Werrej

|   |           |
|---|-----------|
| <b>L-GħAN U N-NATURA TAL-GWIDI PRATTIĊI .....</b>   | <b>4</b>  |
| <b>1. INTRODUZZJONI .....</b>   | <b>4</b>  |
| <b>2. KUNċETTI U DEFINIZZJONIJIET BAŻIĊI .....</b>  | <b>5</b>  |
| <b>3. XENARJI TA' BIDLA FL-ENTITÀ LEGALI .....</b>  | <b>6</b>  |
| 3.1 Fużjonijiet u assorbimenti .....  | 7         |
| 3.1.1 Fużjoni .....   | 7         |
| 3.1.2 Assorbiment .....   | 9         |
| 3.2 Split-ups, spinoffs u bejgħ ta' assi .....  | 9         |
| 3.2.1 Split-up .....  | 9         |
| 3.2.2 Spin-off .....  | 11        |
| 3.2.3 Bejgħ ta' assi .....  | 12        |
| 3.3 Bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi .....   | 14        |
| 3.3.1 Bidliet fl-identità tar-rappreżentant uniku .....   | 14        |
| 3.3.2 Bidliet fl-identità ta' manifattur, formulatur jew prodduttr mhux taż-ŻEE li ġatar rappreżentant uniku .....  | 15        |
| <b>4. IL-PROCÈSS GĦALL-BIDLA TAL-ENTITÀ LEGALI F'REACH-IT, IT-TARIFFI U DOKUMENTI TA' EVIDENZA .....</b>  | <b>16</b> |
| 4.1 X'għandu jkun ivverifikat qabel ma jinbeda proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT .....   | 17        |
| 4.2 L-Istadji tal-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT .....  | 18        |
| <b>5. BIDLIEK AMMINISTRATTIVI FL-IDENTITÀ TAR-REĠISTRANT .....</b>  | <b>22</b> |
| <b>6. SPEċIFIKAZZJONIJIET GĦALL-BIDLA FL-IDENTITÀ SKONT IL-PROCÈSS TA' AWTORIZZAZZJONI .....</b>  | <b>22</b> |
| 6.1 X' għandu jkun ivverifikat qabel ma jinbeda l-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT għal applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni ..... | 23        |
| 6.2 L-istadji tal-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT għal applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni: .....                                | 24        |
| <b>ANNESS 1: AKTAR INFORMAZZJONI .....</b>  | <b>25</b> |

## Werrej tat-Tabelli

|   |    |
|---|----|
| Tabella 1: Definizzjonijiet .....                                   | 5  |
| Tabella 2 Il-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT ..... | 21 |

## L-għan u n-natura tal-gwidi prattiċi

Din il-gwida tissostitwixxi "Il-Gwida prattika 8: Kif tirrapporta bidliet fl-identità tal-entitajiet legali" tal-14 ta' April 2010. Hija parti minn serje ta' dokumenti ta' gwida li għandhom l-għan li jgħinu lill-industrija tikkonforma mar-Regolament REACH u r-Regolament CLP fil-każ ta' bidla fl-identità ta' preregistrant, reġistrant, notifikatur PPORD, notifikatur C&L, investigatur, utent downstream, applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni.

Din il-gwida prattika tispjega liema azzjonijiet il-kumpaniji għandhom bżonn iwettqu f'kuntest speċifiku tan-negozju u legali meta tkun ikkonċernata bidla fl-identità.

### 1. Introduzzjoni

Wara r-reġistrazzjoni skont REACH, ir-reġistranti għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi ("ECHA") dwar bidliet fl-identità tagħhom mingħajr dewmien żejjed (referenza għall-Artikolu 22(1)(a) ta' REACH<sup>1</sup>). Hemm żewġ tipi ta' bidliet bħal dawn:

- i) Bidliet fil-personalità legali: Dawn huma bidliet fl-identità tar-reġistrant li jinvolvu bidla fil-personalità legali tagħhom. Dawn jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-ECHA permezz tal-funzjonalità "Bidla fl-entità legali" ta' REACH-IT. Fil-każ tar-reġistrazzjonijiet, l-ECHA timponi tariffa, li hija bbażata fuq id-daqs tal-kumpanija ddikjarata mis-suċċessur legali f'REACH-IT (l-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-ħlas<sup>2</sup>).
- ii) Ħlasijiet amministrattivi: Dawn huma bidliet fl-identità tar-reġistrant li ma jinvolvux bidla fil-personalità legali tagħhom. Normalment huma bidliet żgħar fid-dettalji ta' kuntatt tar-reġistrant (eżempju l-isem, l-indirizz), li għandhom bżonn jiġu pprovduti lill-ECHA, iżda l-ebda ħlas ma jinġabar (l-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament dwar il-ħlas<sup>2</sup>).

Il-gwida tikkonsisti f'ħames partijiet li jkopru:

- Il-kunċetti u d-definizzjonijiet bażiċi.
- Il-bidliet fil-personalità legali li għandhom jiġu rrapportati lill-ECHA:
  - fużjoni u assorbiment;
  - split-up, spin-off u bejgħ ta' assi;
  - bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi.
- Il-proċess tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT, ħlasijiet u dokumenti ta' evidenza.
- Il-bidliet amministrattivi fl-identità li ma jinvolvux bidla fil-personalità legali li għandhom bżonn jiġu rrappurtati lill-ECHA.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE.

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008 tas-16 ta' April 2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH).

- L-Ispeċifikazzjonijiet għal bidliet fl-identità skont il-proċess ta' awtorizzazzjoni.

## 2. Kunċetti u definizzjonijiet bażiċi

Għadd ta' kunċetti u definizzjonijiet jaapplikaw fil-kuntest tar-Regolamenti REACH u CLP u l-proċess tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT, u huma deskritti fil-qosor fit-tabella hawn taħt.

**Tabella 1: Definizzjonijiet**

| Kunċett            | Definizzjoni   |
|--------------------|--|
| REACH-IT           | Sistema ċentrali tal-IT li tappoġġa lill-industrija, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-ECHA biex jissottomettu, jipproċċaw u jiġġestixxu d-data dwar is-sustanzi u d-dossiers ta' reġistrazzjoni b'mod sigur.  |
| Entità legali (EL) | Persuna fiziċka jew ġuridika bi drittijiet u obbligi skont REACH u CLP. F'REACH-IT, entità legali hija identifikata permezz ta' isem partikolari, identifikatur uniku (UUID), indirizz, pajjiż u informazzjoni ta' kuntatt oħra (indirizz postali u tal-kontijiet).  |
| Manifattur         | Persuna fiziċka jew ġuridika stabbilita fl-UE li timmanifattura (tiproduċi jew tagħmel estrazzjonijiet ta') sustanza fl-UE.  |
| Importatur         | Kwalunkwe persuna fiziċka jew ġuridika stabbilita fl-UE li hija responsabbi mill-importazzjoni tas-sustanza.   |
| Rapreżentant uniku | Persuna fiziċka jew ġuridika stabbilita fl-UE u maħtura minn manifattur, formulatur (produttur ta' taħliliet skont REACH) jew produttur ta' oġġett stabbilit barra l-UE biex tissodisfa l-obbligi tal-importaturi u dawk responsabbi mill-ikkonformar mar-rekwiżiċi legali għall-importaturi skont REACH.  |
| Kont tal-ECHA      | Kont tal-ECHA assoċjat ma' entità legali li jippermetti aċċess għal REACH-IT. Dan jinħoloq permezz ta' proċess ta' reġistrazzjoni fil- "Kontijiet tal-ECHA".   |
| Daqs tal-kumpanija | Il-kategorija tal-intrapriża li għandha tkun indikata fil-kont tal-ECHA tal-kumpanija. L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE (SMEs) igawdu minn ħlasijiet imnaqqsa <sup>3</sup> . Għar-rappreżentanti uniċi, id-daqs tal-kumpanija rrappurtat għandu jkun dak tal-kumpanija rapreżentata (manifattur mhux tal-UE), u mhux id-daqs tal-kumpanija li taġixxi bħala r-rappreżentanta unika tagħha. |

<sup>3</sup> Id-daqs tal-kumpanija ta' intrapriża jista' jinbidel maż-żmien, u d-data tas-sieħeb u l-intrapriżi marbuta magħha jistgħu jkunu rilevanti għad-determinar tad-daqs tal-kumpanija. Il-kumpaniji għandhom għalhekk

|                          |  |
|--------------------------|--|
| Entrata                  | Terminu użat f'REACH-IT għal prereġistrazzjoni, reġistrazzjoni, notifika, inkiesta, rapport ta' utent downstream, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni mogħtija li tista' tiġi trasferita mill-entità legali oriġinarja għas-suċċessur legali waqt il-proċess tal-bidla tal-entità legali. Kull entrata għandha numru ta' referenza bħala identifikatur uniku. |
| Bidla fl-entità legali   | Il-funzjonalità f'REACH-IT għar-rappurtar ta' bidliet fl-identità li jinvolvu bidla fil-personalità permezz ta' trasferiment ta' entrati mill-entità legali oriġinarja għas-suċċessur legali.  |
| Entità legali oriġinarja | Terminu użat f'REACH-IT għall-entità legali (kumpanija) li tagħti bidu għall-bidla fl-entità legali biex ikunu trasferiti l-entrati lis-suċċessur legali.  |
| Suċċessur legali         | Terminu użat f'REACH-IT għall-entità legali (kumpanija) li tirċievi l-entrati bħala rि�żultat tal-bidla fl-entità legali.  |

### 3. Xenarji ta' bidla fl-entità legali

Hemm numru ta' każijiet fejn il-bidliet jeħtieġ jiġu nnotifikati lill-ECHA permezz tal-funzjonalità tal-'Bidla fl-entità legali" ta' REACH-IT. Tipikament, dawn jikkonċernaw bidliet fl-identità tar-reġistrant, il-preregistrant, in-notifikatur PPORD jew C&L, l-investigatur, l-utent downstream, l-applikant għal awtorizzazzjoni jew id-detentur tal-awtorizzazzjoni, għal fużjonijiet, assorbimenti, splits, bejgħ ta' assi u bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi.


Bidliet fis-sjieda u l-kontroll tal-entità legali - bħal bidliet fil-parteċipazzjoni azzjonarja jew bidla minn sjieda unika għal sjeda konġunta - m'għandhomx għalfejn jiġu notifikati lill-ECHA. Madankollu, hemm bżonn li jiġu notifikati lill-ECHA skont il-proċedura rilevanti jekk ikunu akkumpanjati minn, pereżempju, bidla fil-personalità legali, bidla fil-medda tat-tunnellaġġ jew bidla fl-isem jew fl-indirizz. Il-bidliet fis-sjieda u l-kontroll tal-entità legali jistgħu jaffettwaw ukoll id-daqs tal-kumpanija.

Eżempji ta' xenarji li jinvolvu bidla fl-entità legali li għandha tiġi notifikata lill-ECHA huma ppreżentati fit-taqsimiet li ġejjin.

### 3.1 Fużjonijiet u assorbimenti

#### 3.1.1 Fużjoni

Fużjoni hija l-amalgamazzjoni ta' żewġ kumpaniji f'entità legali ġdida. Fil-każ ta' fużjoni, il-kumpaniji amalgamat jistgħu t-tnejn li huma ma jibqgħux jeżistu. L-entità legali l-ġdida takkwista d-drittijiet u l-obbligi kollha mill-kumpaniji li jkunu ngħaqqu.



Xenarju 1a:

Il-Kumpanija A (entità legali li għandha reġistrazzjoni għas-sustanza x) u l-kumpanija B (entità legali li għandha reġistrazzjoni għas-sustanza y) jgħaqqu l-attivitajiet tan-negozju tagħhom biex joħolqu entità legali ġdida, il-kumpanija C. Il-kumpaniji A u B ma jibqgħux jeżistu.

Il-Kumpanija A u l-kumpanija B għandhom jibdew, waħda wara l-oħra<sup>4</sup>, bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex jittrasferixxu r-reġistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti, ir-rapporti tal-utenti downstream) għall-kont tal-ECHA tal-kumpanija C. Il-Kumpanija l-ġdida C imbagħad tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u entrati oħra) għas-sustanzi x u y. Il-Kumpanija C ikollha tkallas żewġ tariffej għall-bidla fl-entità legali lill-ECHA.

Xenarju 1b:

X'jiġi jekk il-kumpaniji A u B ikollhom reġistrazzjonijiet għall-istess sustanza?

Kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għal numru ta' sustanzi, inkluża sustanza x fi kwantitajiet bejn 100 sa 1000 tunnellata fis-sena) u kumpanija B (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għal numru ta' sustanzi, inkluż is-sustanza x fi kwantitajiet bejn

<sup>4</sup> Minħabba l-implimentazzjoni teknika tal-funzjonalità tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT, il-kumpanija B ma tkunx tista' tibda l-bidla fl-entità legali għall-kumpanija C waqt li l-bidla fl-entità legali mill-kumpanija A għall-kumpanija C tkun għadha għaddejja.

10 sa 100 tunnellata fis-sena) jgħaqqu l-attivitajiet tan-negożju tagħhom biex joħolqu entità legali ġdida, il-kumpanija C. Il-kumpanji A u B ma jibqgħux jeżistu.



Kumpanija waħda ma jistax ikollha żewġ reġistrazzjonijiet għall-istess sustanza. Għalhekk, jekk reġistrazzjoni għal sustanza tkun trasferita fuq il-kont tal-ECHA ta' kumpanija li diġà għandha reġistrazzjoni għall-istess sustanza, l-istatus tar-reġistrazzjoni trasferita għandu jkun immarkat bħala "Annulata"<sup>5</sup> f'REACH-IT.

Il-Kumpanija l-ġdida C tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-preregħiżi, in-notifiki, l-inkjesti, ir-rapporti tal-utenti downstream) għas-sustanzi kollha, inkluż għas-sustanza x. F'dan il-każ, hemm żewġ possibiltajiet:

- Jekk il-kumpanija A tkun l-ewwel waħda li tibda l-bidla fl-entità legali f'REACH-IT, il-kumpanija C tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u entrati oħra) għas-sustanzi kollha, inkluża r-reġistrazzjoni għas-sustanza x fi kwantitajiet bejn 100 sa 1000 tunnellata fis-sena. Minħabba li l-kumpanija C ma jistax ikollha żewġ reġistrazzjonijiet għall-istess sustanza, meta l-kumpanija B sussegwentement<sup>6</sup> tittrasferixxi r-reġistrazzjonijiet tagħha (inkluża dik għas-sustanza x fi kwantitajiet bejn 10 sa 100 tunnellata fis-sena), wara t-trasferiment din ir-reġistrazzjoni għas-sustanza x għandha tkun immarkata bħala "Annulata" f'REACH-IT.
- Jekk il-kumpanija B tkun l-ewwel waħda li tkun bdiet il-bidla tal-entità legali f'REACH-IT u l-kumpanija A tkun it-tieni kumpanija, il-kumpanija C tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u entrati oħra) għas-sustanzi kollha, inkluża r-reġistrazzjoni għas-sustanza x fi kwantitajiet bejn 10 sa 100 tunnellata fis-sena. F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni għas-sustanza x mill-kumpanija A tkun immarkata bħala "Annulata" f'REACH-IT wara li l-kumpanija A tagħmel it-trasferiment, iżda REACH-IT iżomm rekord tad-dritt tal-kumpanija C għall-medda ta' tunnellaġġ ogħla ta' 100 sa 1000 tunnellata fis-sena. Jekk il-kumpanija C timmanifattura s-sustanza x f'din il-kwantità ogħla, tkun meħtieġa tagħmel aġġornament tal-medda ta' tunnellaġġ fir-REACH-IT (minn 10 sa 100 tunnellata fis-sena għal 100 sa 1000 tunnellata fis-sena), iżda l-ebda ħlas ma jitħallas għal dan l-aġġornament tal-medda ta' tunnellaġġ.

Fiż-żewġ każijiet, il-kumpanija C ikollha tħallas żewġ tariffi għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

Xenarju 2:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha reġistrazzjoni għas-sustanza x) u il-kumpanija B (entità legali mingħajr reġistrazzjonijiet f'REACH-IT) jgħaqqu l-attivitajiet tan-negożju tagħhom biex joħolqu entità legali ġdida, il-kumpanija C. Il-kumpanji A u B ma jibqgħux jeżistu.

Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla fl-entità legali f'REACH-IT sabiex tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-preregħiżi, in-notifika, l-inkjesti, ir-rapport tal-utenti downstream) lill-kont tal-ECHA tal-kumpanija C. Il-kumpanija l-ġdida C tieħu f'idejha r-


<sup>5</sup> L-istorja tar-reġistrazzjoni tibqa' disponibbli f'REACH-IT għas-suċċessur legali.

<sup>6</sup> Minħabba l-implementazzjoni teknika tal-funzjonalità tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT, il-kumpanija B ma tkunx tista' tibda l-bidla fl-entità legali għall-kumpanija C waqt li l-bidla fl-entità legali mill-kumpanija A għall-kumpanija C tkun għadha għaddejja.

reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija C ikollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

### 3.1.2 Assorbiment

Assorbiment huwa forma ta' fużjoni fejn żewġ kumpaniji jew aktar jingħaqdu f' "kumpanija eżistenti". Fil-każ ta' assorbiment, kumpanija waħda biss tibqa' teżisti u l-oħra ma tibqax teżisti. Il-kumpanija akkwistata tittrasferixxi l-assi, l-obbligazzjonijiet tagħha lill-kumpanija li qed takkwista. Għalhekk, il-kumpanija li tassorbi takkwista d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-kumpanija li tkun għiet assorbita.



Xenarju 1:


Il-kumpanija A (entità legali mingħajr reġistrazzjonijiet f'REACH-IT) qed takkwista l-kumpanija B (entità legali li għandha reġistrazzjoni għas-sustanza x) u se tieħu f'idejha l-aktivitajiet tan-negozju u r-reġistrazzjoni għas-sustanza x. Il-kumpanija B ma tibqax teżisti.

Il-kumpanija B trid tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjoni, in-notifika, l-inkiesta jew ir-rapport tal-utent downstream) lill-kont tal-ECHA tal-kumpanija A. Il-kumpanija A tieħu f'idejha r-reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija A jkollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

### 3.2 Split-ups, spinoffs u bejgħ ta' assi

#### 3.2.1 Split-up

Split-up hija azzjoni korporattiva li fiha kumpanija waħda tinqasam f'żewġ kumpaniji jew iktar mmexxija separatament (entitajiet legali). Fi split-up, il-kumpanija li qed tinqasam ma tibqax teżisti. L-entitajiet legali l-ġodda jakkwistaw id-drittijiet u l-obbligi kollha mill-kumpanija li tkun qasmet l-aktivitajiet tan-negozju tagħha.



#### Xenarju 1:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) qed taqsam l-attivitajiet tan-negozju tagħha u se tkun maqsuma f'kumpanija B u kumpanija C. Il-kumpanija B tieħu f'idejha l-attività tan-negozju relatata mas-sustanza x u ssir id-detentur tar-reġistrazzjoni għas-sustanza x. Il-kumpanija C tieħu f'idejha l-attività tan-negozju relatata mas-sustanza y u ssir id-detentur tar-reġistrazzjoni għas-sustanza y. Il-Kumpanija A ma tibqax teżisti.

Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-preregistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti jew ir-rapporti tal-utenti downstream) għall-kontijiet tal-ECHA tal-kumpaniji B u C. Il-kumpanija B tieħu f'idejha r-reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija C tieħu f'idejha r-reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza y. Il-kumpaniji B u C jkunu t-tnejn meħtieġa jħallsu tariffa għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

#### Xenarju 2:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) qed taqsam l-attivitajiet tan-negozju tagħha u se tkun maqsuma f'kumpanija B u kumpanija C. Il-kumpanija B tieħu f'idejha l-attività tan-negozju relatata mas-sustanza x u y u ssir id-detentur tar-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y. Il-Kumpanija A ma tibqax teżisti.


Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla waħda tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-preregistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti jew ir-rapporti tal-utenti downstream) għall-kontijiet tal-ECHA tal-kumpanija B. Il-kumpanija B tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u entrati oħra) għas-sustanza x u y. Il-kumpanija B ikollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.



Jekk il-kumpanija C tkompli wkoll timmanifattura jew timporta s-sustanzi x u y bħal kumpanija B, hija jkollha bżonn tirregista dawk is-sustanzi qabel tibda l-attività ta' importazzjoni jew manifattura.

### 3.2.2 Spin-off

Spin-off hija r-riorganizzazzjoni ta' negozju eżistenti billi kumpanija omm tiġi maqsuma u tinħoloq kumpanija indipendenti. Il-kumpanija omm tibqa' teżisti.



Xenarju 1:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) tirriorganizza l-attivitajiet tan-negozju tagħha, billi tinqasam f'sussidjarja separata, il-kumpanija B. Il-kumpanija B tieħu f'idejha l-attivită tan-negozju relatata mas-sustanzi x u y u ssir id-detentur tar-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y. Il-kumpanija omm, il-kumpanija A, tkompli teżisti, iżda ma tkomplix l-attivitajiet tan-negozju preċedenti tagħha relatati mas-sustanzi x u y.

Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla waħda tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-preregistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti jew ir-rapporti tal-utenti downstream) għall-kont tal-ECHA tal-kumpanija B. Il-kumpanija l-ġdida B tieħu f'idejha r-reġistrazzjonijiet (u l-entrati l-oħra) għas-sustanza x u y. Il-kumpanija B ikollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

Xenarju 2:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) tirriorganizza l-attivitajiet tan-negozju tagħha, billi tinqasam f'sussidjarja separata, il-kumpanija B. Il-kumpanija B tieħu f'idejha l-attivitajiet tan-negozju relatati mas-sustanza x u ssir id-detentur tar-reġistrazzjoni għas-sustanza x. Il-kumpanija omm, il-kumpanija A, tkompli teżisti u tkompli l-attivitajiet tan-negozju tagħha relatati mas-sustanza y.

Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjoni, in-notifika, l-inkiesta jew ir-rapport tal-utenti downstream) għall-kont tal-ECHA tal-kumpanija B. Il-kumpanija l-ġdida B tieħu f'idejha r-reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija B ikollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

**⚠️** Jekk il-kumpanija B tkompli wkoll timmanifattura jew timporta s-sustanzi y bħal kumpanija omm, il-kumpanija A, hija jkollha bżonn tirregjistra din is-sustanza qabel tibda l-attività ta' importazzjoni jew manifattura.

Xenarju 3:

Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) torganizza mill-ġdid l-attivitàajiet tan-negozju tagħha, billi tinqasam f'sussidjarja separata, il-kumpanija B. Il-kumpanija omm, il-kumpanija A, tkompli teżisti u tkompli bl-attivitàajiet tan-negozju tagħha, u b'hekk tibqa' d-detentur tar-reġistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y.


F'dan il-każ, anke jekk ikun hemm bidla fil-personalità ġuridika tar-reġistrant, ma jkun hemm l-ebda bidla fl-entità legali li għandha tiġi rrappurtata lill-ECHA. Madankollu, jekk ikun hemm xi bidliet oħra wara din il-bidla (eżempju bidla tal-medda ta' tunnellaġġ), il-kumpanija A trid taġġgħora r-reġistrazzjoni tagħha kif meħtieġ.

**⚠️** Jekk il-kumpanija B tkompli wkoll timmanifattura jew timporta s-sustanzi x u y bħal kumpanija omm, il-kumpanija A, hija jkollha bżonn tirregjistra dawk is-sustanzi qabel tibda l-attività ta' importazzjoni jew manifattura.

### 3.2.3 Bejgħ ta' assi

Bejgħ ta' assi, bħall-bejgħ ta' impjant tal-manifattura jew attivitā ta' negozju relatata ma' sustanza r-reġistrata skont REACH, huwa meqjus bħala bidla ta' personalità ġuridika. Dak li jikkwalifika bħala bejgħ ta' assi jista' jvarja skont il-liġi nazzjonali tal-kumpaniji applikabbli tal-Istati Membri tal-UE. Fi kwalunkwe każ, ir-reġistrazzjonijiet, il-preregistrazzjonijiet, l-inkjesti, in-notifikasi, ir-rapporti tal-utenti downstream u l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala komoditajiet, jiġifieri mhumiex assi li jistgħu jkunu soġġetti għal bejgħ waħedhom. Huma jistgħu jiġi trasferiti lil kumpanija oħra biss bħala riżultat tat-trasferiment tal-attività soġġetta għall-obbligu korrispondenti, bħal pereżemju l-impjant fejn hija mmanifatturata s-sustanza jew l-assi relatati mal-attività tan-negozju ta' importatur.

Xenarju 1:




Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-reġistrazzjoni għas-sustanza x) tbigħ l-impjant tal-manifattura fejn is-sustanza x hija mmanifatturata u l-attività tan-negozju tagħha relatata ma' din is-sustanza lill-kumpanija B. Il-kumpanija B issir il-proprietarja tal-attività tan-negozju u tal-impjant tal-manifattura, kif ukoll id-detentur tar-reġistrazzjoni għas-sustanza x.

Il-kumpanija A trid tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjoni, in-notifikasi, l-inkesta jew ir-rapport tal-utenti downstream) għall-kont tal-ECHA tal-kumpanija B. Il-kumpanija B tieħu f'idejha r-

régistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija B jkollha tħallas tariffa għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.


Xenarju 2:



Il-kumpanija A (entità legali li għandha r-régistrazzjonijiet għas-sustanzi x u y) hija proprjetarja tal-impjanti tal-manifattura 1 u 2, fejn is-sustanzi x u y huma mmanifatturati. Il-kumpanija A tbigħ l-impjant tal-manifattura 1, fejn is-sustanza x hija mmanifatturata, u l-aktivită kummerċjali tagħha relatata ma' din is-sustanza lill-kumpanija B. Il-kumpanija B issir il-proprjetarja tal-aktivită tan-negożju u tal-impjant tal-manifattura, u d-detentur tar-régistrazzjoni għas-sustanza x. Il-kumpanija A tbigħ l-impjant tal-manifattura 2, fejn is-sustanza y hija mmanifatturata, u l-aktivită tan-negożju tagħha relatata ma' din is-sustanza lill-kumpanija C. Il-kumpanija C issir il-proprjetarja tal-aktivită tan-negożju u tal-impjant tal-manifattura, u d-detentur tar-régistrazzjoni għas-sustanza y.

Il-kumpanija A tagħti bidu għall-żewġ bidliet tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-régistrazzjonijiet (u, jekk rilevanti, il-preregistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti jew ir-rapporti tal-utenti downstream) għall-kontijiet tal-ECHA tal-kumpaniji B u C. Il-kumpanija B tieħu f'idejha r-régistrazzjoni (u l-entrati l-oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija C tieħu f'idejha r-régistrazzjoni (u l-entrati l-oħra) għas-sustanza y. Il-kumpaniji B u C jkunu t-tnejn meħtieġa jħallsu tariffa għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.

Xenarju 3:



Il-Kumpanija A (entità legali li għandha r-régistrazzjoni għas-sustanza x) hija proprjetarja tal-impjanti tal-manifattura 1 u 2, fejn is-sustanza x hija mmanifatturata. Il-kumpanija A tbigħ l-impjant tal-manifattura 2, fejn is-sustanza x hija mmanifatturata, u l-aktivită tan-negożju tagħha relatata ma' din is-sustanza lill-kumpanija B. Il-kumpanija B issir il-proprjetarja tal-aktivită tan-negożju u tal-impjant tal-manifattura 2. Il-kumpanija A tkompli bl-aktivită tan-

negozju tagħha tal-manifattura tas-sustanza x fl-impjant 1 u tibqa' d-detentur tar-reġistrazzjoni għas-sustanza x.



Reġistrazzjoni waħda ma tistax tiġi kondiviża bejn żewġ kumpaniji differenti.

F'dan il-każ, ma hemm l-ebda bidla fil-personalità ġuridika tar-reġistrant (jiġifieri l-kumpanija A). Għalhekk, ma hemm l-ebda bidla tal-entità legali li għandha tiġi rrappurtata lill-ECHA. Madankollu, jekk ikun hemm xi bidliet oħra wara dan il-bejgħ tal-assi (eżempju bidla tal-medda tat-tunnellaġġ), il-kumpanija A trid taġċċorha r-reġistrazzjoni tagħha kif meħtieġ.

Barra minn hekk, il-kumpanija B issir il-proprietarja l-ġdidha tal-impjant tal-manifattura 2, iżda ma jkoll ix-ir-reġistrazzjoni għas-sustanza x. Il-kumpanija B trid tirreġistra s-sustanza x qabel ma tibda timmanifattura sustanza x.

### 3.3 Bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi

Manifatturi, formulaturi u prodduttri ta' oġġetti bbażati barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li tinkludi l-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein, jistgħu jaħtru rappreżentant uniku ibbażat fiż-ŻEE biex jieħu f'idejh il-kompli u r-responsabbiltajiet tal-importaturi skont REACH.

Rappreżentant uniku biss jista' jirrappreżenta aktar minn kumpanija waħda mhux taż-ŻEE. F'dan il-każ, ir-rappreżentant uniku għandu joħloq kontijiet tal-ECHA separati ("entitajiet legali" f'REACH-IT) għal kull kumpanija mhux taż-ŻEE li jirrappreżenta, u jiissottometti r-reġistrazzjonijiet meħtieġa għal kull waħda mill-kumpaniji rappreżentanti. Ir-rappreżentanti uniċi għandhom jinnotaw li m'għandhomx ibiddlu r-rwol tagħhom minn "OR" ("Rappreżentant Uniku") għal "Importatur" jew "Manifattur" għal reġistrazzjoni partikolari. Dawn huma rwoli differenti skont REACH, u m'humiex sostituzzjoni għal xulxin jew konvertibbli.

Ir-rappreżentant uniku għandu jikkomunika lill-ECHA kwalunkwe bidla relatata ma':

- l-identità tar-rappreżentant uniku nnifsu; u
- l-identità tal-manifattur, il-formulatur jew il-produttur mhux taż-ŻEE ta' oġġetti li ħatar r-rappreżentant uniku.

#### 3.3.1 Bidliet fl-identità tar-rappreżentant uniku


Jekk r-rappreżentant uniku nnifsu jgħaddi minn fużjoni, assorbiment, split jew bejgħ ta' assi, ir-rappreżentant uniku irid jirrapporta tali bidli lill-ECHA permezz ta' REACH-IT skont "Bidla tar-Rappreżentant Uniku".

Jekk il-kumpanija li mhix taż-ŻEE trid tibdel ir-rappreżentant uniku tagħha, ir-rappreżentant uniku oriġinali jeħtieġ jirrapporta tali bidla lill-ECHA permezz ta' REACH-IT billi jibda "Bidla ta' entità legali" biex jittrasferixxi r-reġistrazzjonijiet, il-prereġistrazzjonijiet, in-notifikasi, l-inkjesti jew ir-rapporti tal-utent downstream lir-rappreżentant uniku l-ġdid maħturi mill-kumpanija mhux taż-ŻEE. Biex ikun evitat kwalunkwe nuqqas ta' qbil, il-kumpanija mhux taż-ŻEE tingħata l-pari biex tinkludi klawsoli fil-ftehim li permezz tagħhom hija ħatret ir-rappreżentant uniku oriġinali tagħha dwar kif tindirizza s-sitwazzjoni tal-bidla tar-rappreżentant uniku. Il-ħatra ta' rappreżentant uniku huwa ftehim privat bejn żewġ kumpaniji.

F'każijiet ta' eċċeżżjoni fejn mhux possibbli għar-rappreżentant uniku preċedenti biex jibda l-bidla tal-entità legali f'REACH-IT (eżempju minħabba falliment u waqfien mill-attività tan-

negożju tar-rappreżentant uniku preċedenti), il-kumpanija mhux taż-ŻEE u r-rappreżentant uniku l-ġdid maħtur tagħha jista' jagħmel kuntatt mal-Helpdesk tal-ECHA għal aktar gwida.

Xenarju 1:




Il-kumpanija A (manifattur mhux taż-ŻEE ta' sustanza x) bi ftehim reċiproku taħtar il-kumpanija B ibbażata fiż-ŻEE bħala r-rappreżentant uniku tagħha. Bħala r-rappreżentant uniku tal-kumpanija A, il-kumpanija B tirreġistra s-sustanza x (u tindika d-daqs tal-kumpanija, tal-kumpanija A fil-kont tal-ECHA). Ftit snin wara, il-kumpanija A tiddeċiedi li tibdel ir-rappreżentant uniku tagħha, u r-rwol tar-rappreżentant uniku jeħtieġ li jiġi trasferit mill-kumpanija B għall-kumpanija C ibbażata fiż-ŻEE. It-tliet kumpaniji kollha qablu dwar il-bidla.

Il-kumpanija B, ir-rappreżentant uniku inizjali tal-kumpanija A, trid tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT biex tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjoni, in-notifika, l-inkiesta jew r-rapport tal-utent downstream) għall-kont tal-ECHA tar-rappreżentant uniku l-ġdid maħtur, il-kumpanija C. Il-kumpanija C tieħu f'idejha r-reġistrazzjoni (u entrati oħra) għas-sustanza x. Il-kumpanija C ikollha tħallas tariffa ta' bidla tal-entità legali lill-ECHA u trid tindika d-daqs tal-kumpanija A sabiex tħallas l-ammont korrett.

### **3.3.2 Bidliet fl-identità ta' manifattur, formulatur jew produttur mhux taż-ŻEE li ħatar rappreżentant uniku**

Jekk manifattur, formulatur jew produttur mhux taż-ŻEE li ħatar rappreżentant uniku jgħaddi minn fużjoni, assorbiment, split jew bejgħ ta' assi, ir-rappreżentant uniku tiegħu għandu jirrapporta tali bidliet relatati mal-identità tiegħu lill-ECHA permezz ta' REACH-IT skont il-“Bidla tar-Rappreżentant Uniku”.

Xenarju 2:



Il-kumpanija A (manifattur mhux taż-ŻEE ta' sustanza x) bi ftehim reċiproku taħtar il-kumpanija B ibbażata fiż-ŻEE bħala r-rappreżentant uniku tagħha. Bħala r-rappreżentant uniku tal-kumpanija A, il-kumpanija B tirreġistra s-sustanza x (u tindika d-daqs tal-kumpanija, tal-kumpanija A fil-kont tal-ECHA). Ftit snin wara, il-kumpanija A tiġi assorbita mill-kumpanija C (mhux manifattur taż-ŻEE tas-sustanza x). Il-Kumpanija B tkompli taġixxi bħala r-rappreżentant uniku għall-kumpanija C għar-reġistrazzjoni tas-sustanza x.

Bħala r-rappreżentant uniku, il-kumpanija B teħtieġ toħloq kont ECHA ġdid biex tirrappreżenta l-entità legali l-ġdida, il-kumpanija C. Il-kont għandu jirrifletti d-daqs tal-kumpanija C. Il-kumpanija B teħtieġ tittrasferixxi r-reġistrazzjoni (u, jekk rilevanti, il-prereġistrazzjoni, in-notifika, l-inkjestha jew ir-rapport tal-utent downstream) għas-sustanza x mill-kont tal-ECHA użat biex jirrappreżenta l-kumpanija A għal kont tal-ECHA għall-kumpanija l-ġdida C. Dan isir f'REACH-IT bl-użu tal-funzjonalità tal-bidla tal-entità legali u billi tkun magħżula l-opzjoni "Bidla tar-rappreżentant uniku". Il-kumpanija B ikollha tħallas tariffa waħda għall-bidla tal-entità legali lill-ECHA.<sup>7</sup>

#### **4. Il-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT, it-tariffi u d-dokumenti ta' evidenza**

Dan il-kapitlu jippreżenta l-informazzjoni ewlenja li teħtieġ li tiġi vverifikata qabel ma jinbeda proċess għall-bidla tal-entità legali, jiddeskrivi l-istadji ewlenin tal-proċess f'REACH-IT, u jispecifiċka l-bażi għad-determinar tat-tariffa u d-dokumenti li jridu jiġu pprovduti bħala evidenza lill-ECHA biex tkun iż-ġustifikata l-bidla.

Il-kumpaniji għandhom ikunu konxji li l-liġi nazzjonali tal-kumpaniji, kif ukoll it-tip ta' evidenza li tista' tiddokumenta bidla tal-personalită għuridika, tvarja fl-Istati Membri kollha tal-UE. Hija r-responsabbiltà tal-kumpanija li tivverifikasi minn qabel liema li ġi nazzjonali tapplika kif ukoll liema

<sup>7</sup> Xenarju simili huwa deskritt fil-Q&A 1188.

hi l-evidenza rilevanti li għandha tiġi pprovduta.

#### **4.1 X'għandu jkun ivverifikat qabel ma jinbeda proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT**

Qabel ma jinbeda proċess ta' bidla tal-entità legali f'REACH-IT, kemm l-entità legali oriġinarja kif ukoll is-suċċessur legali għandhom jivverifikaw dan li ġej:

- Is-suċċessur legali għandu jindika d-daqs korrett tal-kumpanija f'REACH-IT meta jirrapporta l-bidla tal-entità legali. Dan ifisser li s-suċċessur legali għandu jindika - qabel it-trasferiment - id-daqs attwali tal-kumpanija tiegħu wara l-bidla tal-entità legali. Għal rappreżentant uniku, id-daqs tal-kumpanija użat għandu jkun ibbaż fuq id-daqs tal-kumpanija mhux taż-ŻEE li taħtar. Jekk is-suċċessur legali jiddikjara li huwa SME, huwa jkun mitlub iħallas biss it-tariffa mnaqqsa korrispondenti għall-bidla tal-entità legali. Is-suċċessur legali għandu jkun konxju li l-ECHA tista' tibda proċedura ta' verifika ta' SME fi kwalunkwe ħin biex tikkonferma l-eliġibbiltà għal tnaqqis fit-tariffi għall-SME għal-reġistrazzjoni. Il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni ħażina dwar id-daqs tal-kumpanija huma deskritti fis-sit web tal-ECHA<sup>8</sup>.
- Ir-rwol tar-reġistrant "Prinċipali" jew "Membru" tal-entità legali oriġinarja jiġi ttrasferit flimkien mar-reġistrazzjoni rispettiva lis-suċċessur legali. Jekk ir-rwol "Prinċipali" m'għandux jiġi ttrasferit, l-entità legali oriġinarja għandha tinħeles mir-rwol "Prinċipali" qabel ma ssir il-bidla tal-entità legali, billi r-rwol jiġi ttrasferit lil reġistrant ieħor fis-sottomissjoni konġunta, wara li jkun hemm qbil mal-membri tas-sottomissjoni konġunta.
- Reġistrazzjoni, prereġistrazzjoni, inkesta, notifika jew rapport tal-utent downstream jistgħu jiġu ttrasferiti biss lil suċċessur legali wieħed. REACH-IT mhux se jippermetti li l-entrata tkun maqsuma jew kondiviża bejn żewġ entitajiet legali jew aktar.
- Kumpanija jista' jkollha biss reġistrazzjoni waħda għal kull sustanza f'REACH-IT. Għalhekk, jekk reġistrazzjoni tiġi ttrasferita lil kumpanija li digħi għandha reġistrazzjoni għall-istess sustanza, l-istatus tar-reġistrazzjoni ttrasferita għandu jkun issettjat għal "Annulata" f'REACH-IT<sup>9</sup>.
- Jekk ir-reġistrazzjoni tkun għadha mhux kompluta, tkun qed tiġi aġġornata jew tkun inkluża f'bidla oħra tal-entità legali, ma tistax tiġi ttrasferita lis-suċċessur legali.
- Is-suċċessur legali ma jistax ikun involut f'aktar minn bidla waħda tal-entità legali fl-istess ħin. Fi kliem ieħor, jekk bidla tal-entità legali tkun inbdiet biex jiġi ttrasferiti entrati għall-kont ta' suċċessur legali partikolari, l-ebda bidla oħra tal-entità legali ma tista' tinbeda għal trasferiment lil dan is-suċċessur legali sakemm tkun kompluta l-ewwel bidla tal-entità legali (ħlas riċevut u entrati trasferiti).
- Id-dokumenti ta' evidenza jeħtieġ jiġu pprovduti f'format PDF. Skont it-tip ta' bidla tal-entità legali, il-kontenut tad-dokument ta' evidenza jista' jvarja:
  - Għal fużjoni, assorbiment, split-up, spin-off jew bejgħ ta' assi, l-entità legali oriġinarja teħtieġ li tipprovd evidenza tal-bidla tal-identità legali, bħall-estratt mir-reġistru tal-kummerċ nazjonali, tal-kumpaniji jew kummerċjali jew il-ftehim rilevanti relatati mal-bidla.

<sup>8</sup> Ara I-Anness 1.

<sup>9</sup> Ara t-Taqsimha 3.1.1.

- Għal bidla ta' rappreżentant uniku, l-entità legali oriġinarja teħtieġ tipprovd i-tinqas l-ittra tal-ħatra tar-rappreżentant uniku l-ġdid mill-kumpanija mhux taż-ŻEE.
- Is-suċċessur legali għandu jħallas tariffa lill-ECHA għat-trasferiment tar-reġistrazzjonijiet (it-tnaqqis f'tariffa jaapplika għall-SMEs). It-trasferiment ta' preregistrazzjonijiet, notifikasi C&L, notifikasi PPORD, inkjesti u rapporti tal-utenti downstream huwa bla ħlas.

## 4.2 L-Istadiji tal-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT

Stadju 1: L-entità legali oriġinarja tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali bl-użu tal-funzjonalità “Bidla tal-entità legali” f'REACH-IT.

- L-entità legali oriġinarja għandha tipprovd isem għall-bidla tal-entità legali, tassenja persuna ta' kuntatt u żżid l-UUID tas-suċċessur legali fit-tab “Dettalji tal-bidla tal-entità legali”, u timxi għall-istadju li jmiss.
- L-entità legali oriġinarja trid tagħżel it-tip ta' bidla tal-entità legali (jiġifieri “Fużjoni”, “Split” jew “Bidla tar-rappreżentant uniku”) fit-tab “Tip ta' bidla tal-entità legali” u tkompli bl-għażla ta’ entrati (“assi” f'REACH-IT) li għandhom jiġu ttrasferiti lis-suċċessur legali. Għal “Fużjoni”, is-sistema toħloq awtomatikament il-lista ta’ entrati li għandhom jiġu trasferiti b'mod awtomatiku, mingħajr l-ebda għażla ta’ modifika. Jekk il-lista ta’ entrati tkun twila, din tintwera fuq aktar minn paġna waħda.
- L-entità legali oriġinarja għandha żżid id-dokumenti ta’ evidenza f'format PDF fit-tab “Hemżiet”.
- L-entità legali oriġinarja għandha tagħmel verifika doppja tal-entrati kollha qabel tikkonferma l-bidla tal-entità legali.
- Ladarba l-bidla tal-entità legali tkun ikkonfermata, REACH-IT juri l-isem tal-bidla tal-entità legali u jipprovd t-token tas-sigurtà (ċavetta digħiżi), li jeħtieġ li jkun kondiviż mas-suċċessur legali biex tkun finalizzata l-bidla tal-entità legali f'REACH-IT.

Stadju 2: Is-suċċessur legali jivverifika jekk il-bidla tal-entità legali hijiex korretta (l-entrati li għandhom jiġu trasferiti huma indikati korrettament) f'REACH-IT.

- L-entità legali oriġinarja għandha tikkomunika lis-suċċessur legali barra minn REACH-IT (eżempju b'email) li l-bidla tal-entità legali hija lesta għar-rieżami, u tipprovd i-bidla għall-isem tal-entità legali u t-token tas-sigurtà sabiex is-suċċessur legali jkun jista’ jkollu aċċess għall-informazzjoni tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT. It-token tas-sigurtà m'għandux data ta’ skadenza: huwa validu sakemm jitlesta l-istadju tal-validazzjoni għall-bidla tal-entità legali.

- Wara li jdaħħal l-isem tal-bidla tal-entità legali u t-token tas-sigurtà f'REACH-IT, is-suċċessur legali jista' jivverifika l-lista tal-entrati li għandhom jiġu ttrasferiti fil-kont tagħha tal-ECHA. Jekk ikunu meħtieġa bidliet, is-suċċessur legali jista' jitlob lill-entità legali oriġinarja biex taġġorna l-informazzjoni f'REACH-IT. Is-suċċessur legali ma jistax īħassar il-bidla tal-entità legali jew jaġġorna l-lista tal-entrati - dan jista' jsir biss mill-entità legali oriġinarja li bdiet il-proċess.
- Ladarba l-lista tal-entrati tkun iffinalizzata, is-suċċessur legali jkun jista' jiproċedi għall-istadju tal-validazzjoni.

**Stadju 3: Is-suċċessur legali jivvalida l-bidla tal-entità legali f'REACH-IT.**

- Meta jivvalida l-bidla tal-entità legali, is-suċċessur legali jikkonferma l-kontenut tat-trasferiment li għandu jsir fil-kont tal-ECHA tas-suċċessur legali.
- Is-suċċessur legali jeħtieġ li jassenja persuna ta' kuntatt (li tista' tiġi kkuntatt jidher mill-ECHA dwar il-bidla tal-entità legali) u jkompli bil-konferma.
- Messaġġ ta' konferma jiġi muri minn REACH-IT meta tkun ikkonfermata l-validazzjoni tal-bidla tal-entità legali mis-suċċessur legali.

**Stadju 4: L-ECHA toħroġ il-fattura għall-bidla tal-entità legali lis-suċċessur legali permezz ta' REACH-IT.**

- Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-ħlas<sup>2</sup>, l-ECHA għandha toħroġ fattura għall-bidla tal-entità legali jekk il-lista tal-entrati fiha entrata waħda jew aktar li jiskattaw tariffa, jiġifieri reġistrazzjonijiet, reġistrazzjonijiet ta' intermedjarju iżolat fuq il-post u intermedjarju iżolat trasportat.
- Ma titħallas l-ebda tariffa għall-bidla tal-entità legali jekk il-lista tal-entrati tkun tħalli biss entrati li ma jiskattawx tariffa, jiġifieri preregistrazzjonijiet, notifikasi PPORD, notifikasi C&L, notifikasi ta' inkjesti u rapporti ta' utenti downstream.
- It-tariffa tiġi ddeterminata abbażi tad-daqs tal-kumpanija ddikjarat mis-suċċessur legali wara l-bidla fil-personalità ġuridika. Għal bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi, it-tariffa hija ddeterminata abbażi tad-dikjarazzjoni mis-suċċessur legali dwar id-daqs tal-kumpanija mhux taż-ŻEE li tkun ħatret ir-rappreżentant uniku.
- Meta jkun meħtieġ li titħallas tariffa, tinħareġ fattura (fattura waħda biss għal kull bidla tal-entità legali) lis-suċċessur legali permezz ta' REACH-IT. Id-data inizjali tal-iskadenza għall-ħlas hija stabbilita għal 14-il jum mid-data tal-fattura. Jekk il-ħlas ma jiġix ipprovdu fi żmien l-14-il jum, l-ECHA tibgħat tfakkira li tipprovd data ta' skadenza estiżha għall-ħlas.


**Stadju 5: Is-suċċessur legali jħallas il-fattura għall-bidla tal-entità legali u l-proċess jiġi finalizzat f'REACH-IT (l-entrati jiġu trasferiti lis-suċċessur legali).**

- Jekk il-bidla tal-entità legali ma fihiex entrati li jiskattaw tariffa u għalhekk l-ebda fattura ma tinħareġ, l-entrati jiġu ttrasferiti malli l-proċess jiġi finalizzat mis-suċċessur legali.
- Jekk il-ħlas isir kollu u jiġi riċevut mill-ECHA sal-iskadenza stabbilita, it-trasferiment tal-entratti jseħħi, u l-proċess għall-bidla tal-entità legali jitlesta f'REACH-IT.
- Jekk il-fattura ma titħallasx sal-iskadenza stabbilita, il-bidla tal-entità legali tiġi rrifjutata f'REACH-IT u l-entrati ma jiġux ittrasferiti lis-suċċessur legali. L-entrati jibqgħu tal-entità legali oriġinarja.

Stadju 6: Is-suċċessur legali jivverifika l-informazzjoni fir-reġistrazzjoni u jissottometti kwalunkwe aġġornament meħtieġ (eżempju bidla tal-medda tat-tunnellaġġ).


L-istadji tal-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT huma deskritti wkoll fit-tabella t'hawn taħt (Tabella 2).

L-azzjonijiet tat-tliet atturi involuti fil-proċess - l-entità legali oriġinarja, is-suċċessur legali u l-ECHA - huma deskritti fil-kolonni tagħhom stess. Ir-raba' kolonna tindika l-istatus tal-proċess f'REACH-IT mill-bidu sat-tlestija tal-proċess għall-bidla tal-entità legali.

**Tabella 2 Il-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT**

## 5. Bidliet amministrattivi fl-identità tar-reġistrant

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-bidliet amministrattivi fl-identità tar-reġistrant. B'differenza għall-bidliet fil-personalità ġuridika relatati ma' fużjoni, assorbiment, split-off, bejgħ ta' assi jew bidla ta' rappreżentant uniku, dawn ġeneralment huma bidliet żgħar relatati mad-dettalji ta' kuntatt ta' reġistrant, bħal bidliet rigward l-informazzjoni dwar il-kumpanija (l-isem jew l-indirizz), li jeħtieġ li jiġu nnotifikata lill-ECHA.



Kumpanija tista' tiddeċiedi li tbiddel l-isem korporattiv tagħha għal skopijiet amministrattivi jew tan-negożju, bħal pereżempju minħabba sħab li jitilqu mill-kumpanija jew għal raġunijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Bi-istess mod, kumpanija tista' tirriloka l-uffiċċju tagħha għal indirizz ġdid fl-istess Stat Membru waqt li tibqa' l-istess entità legali.

Fiż-żewġ każijiet, l-isem jew l-indirizz tal-kumpanija biss jinbidlu, iżda l-personalità ġuridika tal-kumpanija tibqa' l-istess. Konsegwentement, m'hemm l-ebda bidla ta' entità legali li għandha tiġi nnotifikata lill-ECHA, iżda l-informazzjoni tal-kumpanija (l-isem jew l-indirizz) trid tiġi aġġornata f'REACH-IT.

Biex isir l-aġġornament:

- illogja fil-kont tiegħek tal-ECHA u mmodifika l-isem jew l-indirizz tal-kumpanija kif meħtieġ;
- ikkonferma li taqbel mad-dikjarazzjoni ta' ċaħda; u
- applowdja d-dokument ta' appoġġ minn registry nazzjonali jew kwalunkwe istituzzjoni oħra biex tingħata prova tal-bidla ufficijali fl-isem jew il-bidla fl-indirizz.

L-ebda tariffa ma tiġi imposta mill-ECHA għal dan l-aġġornament.

## 6. Speċifikazzjonijiet għall-bidla fl-identità skont il-proċess ta' awtorizzazzjoni

Bħal fil-każ tal-bidliet fl-identità tar-reġistrant, l-ECHA jeħtieġ li tiġi nnotifikata dwar il-bidliet fil-personalità ġuridika ta' applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni permezz tal-funzjonalità tal-“Bidla tal-entità legali” f'REACH-IT immedjatamente kif iseħħu. Ix-xenarji deskritt fil-Kapitolu 3 għal każijiet ta' fużjoni, split-up, spin-off, bejgħ ta' assi jew bidliet relatati mar-rappreżentanti uniċi japplikaw b'analoga.

Bidliet amministrattivi fl-identità ta' applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni li ma jinvolvux bidla fl-personalità legali - bħal bidliet fl-isem jew l-indirizz tal-kumpanija - jeħtieġ li jiġu nnotifikati lill-ECHA billi jkun segwit l-approċċ deskritt fil-Kapitolu 5 ta' din il-gwida.

## 6.1 X' għandu jkun ivverifikat qabel ma jinbeda I-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT għal applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni

Qabel ma jinbeda proċess ta' bidla tal-entità legali f'REACH-IT, kemm l-entità legali oriġinarja kif ukoll is-suċċessur legali għandhom jivverifikaw dan li ġej:

- Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni mogħtija tista' tiġi ttrasferita biss lil suċċessur legali li jikkwalifika bħala manifattur, importatur, utent downstream jew rappreżentant uniku fir-rigward tas-sustanzi u l-użi koperti mill-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjoni mogħtija.
- Għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet mogħtija, hemm żewġ xenarji possibbi:
  - Jekk l-entità legali oriġinarja hija l-applikant li tissottommetti applikazzjoni individwali jew konġunta, se jkun hemm żewġ tipi ta' entrati fil-kont tagħha tal-ECHA: l-ewwel, "entrati separati" għal kull użu (u s-sustanza) u, it-tieni, entrata waħda li tkun tikkorrispondi mas-sottomissjoni ta' applikazzjoni waħda sħiħa<sup>10</sup>. F'dan il-każ, l-entità legali oriġinarja tittrasferixxi lis-suċċessur legali kemm l-"entrati separati" kif ukoll l-entrata li tkun tikkorrispondi għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sħiħa.
  - Jekk l-entità legali oriġinarja hija koapplikant ta' applikazzjoni konġunta, hija tittrasferixxi biss l-"entrati separati" rilevanti.
- It-trasferiment ma jistax jestendi l-ambitu tal-applikazzjoni oriġinali għal awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni mogħtija, pereżempju jkopru użi differenti.
- Id-dokumenti ta' evidenza jeħtieġ jiġu pprovduti f'format PDF. Skont it-tip ta' bidla tal-entità legali, il-kontenut tad-dokument ta' evidenza jista' jvarja:
  - Għal fużjoni, split-up, spin-off jew bejgħ ta' assi, l-entità legali oriġinarja trid tipprovd:
    - evidenza tal-bidla tal-identità legali, bħall-estratt mir-reġistru tal-kummerċ nazzjonali, tal-kumpaniji jew kummerċjali jew il-ftehim rilevanti relatati ma' din il-bidla; u
    - id-dokument ta' format speċifiku li jiddeskrivi l-impatti ewlenin tal-bidla tal-entità legali fuq l-informazzjoni fl-applikazzjoni (disponibbli f'REACH-IT u fuq is-sit web tal-ECHA<sup>11</sup>).
  - Għal bidla ta' rappreżentant uniku, l-entità legali oriġinarja teħtieġ li tipprovd tal-inqas l-ittra tal-ħatra tar-rappreżentant uniku l-ġdid mill-kumpanija mhux taż-ŻEE.
- It-trasferiment ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjonijiet mogħtija ma jirrik jedid il-ħlas ta' tariffa lill-ECHA.

<sup>10</sup> Entrati li jikkorrispondu għall-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet mogħtija jistgħu jiġu estratti minn REACH-IT meta ssir tfittxija għan-numri ta' referenza skont it-tip ta' dossier "Applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni". L-entrata li tkun tikkorrispondi għall-applikazzjoni sħiħa għandha numru ta' referenza li jispiċċa b' "-0000" u jintuża mill-ECHA biex tibgħat komunikazzjonijiet lill-applikant li jissottommetti l-applikazzjoni.

<sup>11</sup> Ara l-Anness 1.

## 6.2 L-istadji tal-proċess għall-bidla tal-entità legali f'REACH-IT għal applikant għal awtorizzazzjoni jew detentur ta' awtorizzazzjoni:

Stadju 1: L-entità legali oriġinarja tagħti bidu għall-bidla tal-entità legali bl-użu tal-funzjonalità “Bidla tal-entità legali” f'REACH-IT.

- Ara Stadju 1 fit-Taqsima 4.2 ta' din il-gwida. L-entità legali oriġinarja għandha tiżgura li jagħżlu l-entrati rilevanti kollha relatati mal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjoni mogħtija.

Stadju 2: L-ECHA tivvalida l-bidla tal-entità legali f'REACH-IT.

- L-ECHA tivverifika jekk il-bidla tal-entità legali hijiex iddokumentata kif suppost.
- L-ECHA tikkomunika lill-entità legali oriġinarja u lis-suċċessur legali jekk il-bidla hijiex ikkunsidrata bħala “minuri” (jiġifieri bidla li ma jkollhiex implikazzjonijiet materjali fuq il-kontenut tal-applikazzjoni jew it-termini tal-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċċo-ekonomika (SEAC) jew “maġġuri” (fil-każijiet l-oħra kollha)<sup>12</sup>.
- L-ECHA tipprovd t-token tas-sigurta lill-entità legali oriġinarja, li jeħtieġ jiġi kondiviż mas-suċċessur legali sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni tal-bidla tal-entità legali f'REACH-IT.

Stadju 3: Is-suċċessur legali jivverifika jekk il-bidla tal-entità legali hijiex korretta (l-entrati li għandhom jiġu trasferiti huma indikati korrettament) f'REACH-IT.

- Ara Stadju 2 fit-Taqsima 4.2 ta' din il-gwida.

Stadju 4: Is-suċċessur legali jivvalida l-bidla tal-entità legali f'REACH-IT.

- Ara Stadju 3 fit-Taqsima 4.2 ta' din il-gwida.

Stadju 5: L-ECHA tinforma lill-Kummissjoni Ewropea kif xieraq. Fil-każ ta' awtorizzazzjoni mogħtija, il-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi dwar jekk il-bidla tal-entità legali tiskattax rieżami tal-awtorizzazzjoni.

<sup>12</sup> Jekk il-bidla tal-entità legali tkun ikkwalifikata bħala “maġġuri”, ir-RAC u s-SEAC jista’ jkollhom bżonn perjodu ta’ żmien addizzjonali biex jivvalutaw l-implikazzjonijiet tal-bidla waqt il-proċess tat-tfassil ta’ opinjoni. Jekk l-ECHA tkun diġà adottat opinjoni, hija tibgħat il-valutazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni. Fl-aħħar nett, għal awtorizzazzjoni mogħtija, l-ECHA tipprovd i-l-fehmiet tagħha dwar jekk rieżami tal-awtorizzazzjoni jistax jiġi skattat abbażi tal-Artikolu 61(2) ta’ REACH lill-Kummissjoni Ewropea.

## Anness 1: Aktar informazzjoni

Għal mistoqsijiet dwar bidliet tal-entità legali f'REACH-IT, ikkuntattja l-Helpdesk tal-ECHA:  
<https://echa.europa.eu/contact>

Għal aktar kjarifika dwar jekk tapplikax bidla fl-isem tal-kumpanija jew bidla fil-personalità ġuridika, ikkuntattja lill-helpdesk nazzjonali tiegħek:  
<https://echa.europa.eu/support/helpdesks>

Informazzjoni dwar bidliet tal-entità legali relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE:  
<https://www.echa.europa.eu/uk-withdrawal-from-the-eu>

Informazzjoni dwar kif tiddetermina l-kategorija tad-daqs tal-kumpanija tiegħek u dwar kif tipproċedi jekk tiddikjara d-daqs tal-SME tiegħek b'mod żbaljat:  
<https://echa.europa.eu/support/small-and-medium-sized-enterprises-smes/sme-fees-under-reach-and-clp>

Informazzjoni dwar ir-rekwiżiti għar-rappreżentanti uniċi:  
<https://echa.europa.eu/support/getting-started/only-representative>

Informazzjoni dwar it-tariffi għall-bidliet tal-entità legali:  
<https://echa.europa.eu/regulations/reach/legislation>

- Il-verżjoni konsolidata tar-Regolament dwar il-Ħlas tista' tinsab fit-taqSIMA "Leġiżlazzjoni ta' Implantazzjoni".

Informazzjoni dwar bidliet tal-entità legali fil-proċess ta' awtorizzazzjoni u d-dokument ta' format spċifik li jiddeskrivi l-impatti ewlenin:  
<https://echa.europa.eu/support/qas-support/browse>

- Taħt "REACH" għażel "Awtorizzazzjoni" u mbagħad ipproċedi għat-Taqsima "h) Bidliet tal-entità legali".

**EUROPEAN CHEMICALS AGENCY**  
**ANNANKATU 18, P.O. BOX 400,**  
**FI-00121 HELSINKI, FINLAND**  
**ECHA.EUROPA.EU**